



European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

September 2022 | MT

The Grassroots View – S3 Episodu 20 – Il-Kriżi tal-Enerġija

Unità domestika waħda minn kull erbgħa fl-Unjoni Ewropea ma jaffordjawx issaħħnu, ikessħu jew jixgħelu darhom. Dan xi jfisser għaċ-ċittadini Ewropej, u speċjalment għal dawk li għandhom inqas riżorsi? Dan l-episodju ta' The Grassroots View janalizza l-impatt tal-kriżi tal-enerġija fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum. Flimkien ma' **Elena Mastantuono** (KESE), **Sonja Van Renssen** (Energy Monitor), **Sabrina Iannazzone** (Network Ewropew kontra l-Faqar) u **Thomas Dorget** (Confrontations Europe). (tk)

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



Editorjal

Kollox jibda mill-enerġija

Għeżież qarrejja,

Il-gwerra fl-Ukrajna u l-pandemija tal-COVID-19 ikkawżaw tensjonijiet soċjoekonomiċi sinifikanti fl-Ewropa u fid-dinja. Kważi seba' xhur mill-bidu tal-gwerra, il-biża' ta' żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u n-nuqqas ta' sigurtà tal-enerġija, flimkien mal-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel u l-inflazzjoni globali, qed jipperikolaw il-ħajja u l-benesseri tan-nies madwar id-dinja. Għalhekk, is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, bil-konsegwenzi fit-tul tagħha ta' prezzijiet tal-enerġija dejjem jogħlew, se tkun fost is-suġġetti dominanti tal-ħidma tagħna fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fix-xhur li ġejjin.

Fil-kontribut tagħna għall-programm ta' ħidma għall-2023 tal-Kummissjoni Ewropea, enfasizzajna l-kriżi tal-enerġija, li għet amplifikata mid-dipendenza tal-UE mill-gass Russu, il-bżonn għall-UE li tillimita kemm jista' jkun l-espożizzjoni tagħna għall-fornituri mhux affidabbli u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tagħna tal-enerġija.

Apparti d-diffikultajiet tal-provvista u d-dover tal-Istati Membri li jiżguraw id-disponibbiltà tal-enerġija għad-djar u n-negozji, sfida oħra hija li nibqgħu fit-triq it-tajba lejn l-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 u l-ambizzjonijiet fit-tul l-oħra tal-UE. Il-politiki tal-UE għandhom fl-istess ħin iġibu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Il-ksib ta' dan it-triangolu maġiku jippermetti li s-soċjetajiet tagħna jegħlbu l-kriżijiet, jirrispettaw il-limiti tal-pjaneta u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Biex it-talbiet taċ-ċittadini jittieħdu b'serjetà, hemm bżonn ta' miżuri biex jitjieb id-djalogu soċjali, kif ġie enfasizzat fil-proposti li ħarġu mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-KESE huwa lest li jaqdi r-rwol tiegħu u jsegwi b'mod xieraq l-eżiti tal-Konferenza u jekk tiġi organizzata Konvenzjoni, il-KESE jrid jaqdi r-rwol prominenti fiha. Se nkompli naħdmu fuq dan matul it-tieni nofs tal-2022.

Nispera li l-pawża tas-sajf tatna xi ffit trankwillità u serħan il-moħħ u l-imbuttatura ta' enerġija addizzjonali li lkoll għandna bżonn biex niffaċċjaw l-isfidi li ġejjin.

Christa Schweng

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

21-22 ta' Settembru 2022, Brussell

Sessjoni plenarja tal-KESE

26 ta' Settembru 2022, Brussell

Konferenza annwali dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt - nimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt

20-21 ta' Ottubru 2022, Brussell

Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni - Is-7 laqgħa



DRITT GĦALL-PUNT

Fil-kolonna tagħna "Dritt għall-punt", il-membri tal-KESE jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet importanti fuq l-aġenda Ewropea. Din id-darba, staqsejna dan li ġej lill-membri tal-KESE **Judith Vorbach** (relatur għas-sessjoni plenarja ta' Settembru għall-Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar "Tassonomija soċjali - Sfidi u oppurtunitajiet"): Fil-livell Ewropew, x'perkorsi u sfidi għandna quddiemna għall-implimentazzjoni ta' tassonomija soċjali matul in-negozjati dwar it-tassonomija ekoloġika?



JUDITH VORBACH: TASSONOMIJA SOĠJALI GĦAL INVESTIMENT SOSTENIBBLI

L-għan tat-tassonomija tal-UE huwa li tidderieġi l-investimenti lejn is-sostenibbiltà billi tipprovdi sistema ta' klassifikazzjoni trasparenti għall-investituri u l-kumpaniji. Bħalissa, ir-Regolament tal-UE dwar it-Tassonomija u l-atti ta'

implimentazzjoni tiegħu jiffukaw fuq l-għanijiet relatati mal-klima u dawk ambjentali, ikkomplementati minn salvagwardji soċjali minimi. Filwaqt li l-KESE jilqa' l-għanijiet ekoloġiċi, huwa jappella għal kunċett ta' sostenibbiltà olistika, sabiex it-tassonomija tinkludi s-sostenibbiltà ambjentali, kif ukoll dik soċjali.

Is-salvagwardji soċjali minimi huma siewja iżda mhumiex biżżejjed biex jiżguraw is-sostenibbiltà soċjali għall-ħaddiema, il-konsumaturi u l-komunitajiet. It-tassonomija soċjali pjanata se ssir aktar importanti jekk tkun parti minn politika ġenerali ntizza lejn is-sostenibbiltà soċjali, li jimplika wkoll il-finanzjament tal-benesseri soċjali mill-infiq pubbliku, u l-importanza tal-investment pubbliku.

Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tippubblika r-rapport, li ilu mistenni, li jiddeskrivi d-dispożizzjonijiet li jkunu meħtieġa biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tat-tassonomija għal "objettivi oħra ta' sostenibbiltà, bħall-

objettivi soċjali”, kif mitlub fir-Regolament dwar it-Tassonomija. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma preparatorja komprensiva mwettqa mill-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli, u jirrakkomanda li jinżammu l-obiettivi proposti ta’ xogħol deċenti, standards tal-għajxien adegwati u komunitajiet inklużivi riflessi f’approċċ f’diversi livelli. Barra minn hekk, id-Direttiva proposta dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà tikkomplementa tassonomija soċjali b’tali mod li l-miżuri jiġu vvalutati u evalwati fir-rigward tagħha. Il-KESE jirrakkomanda kriterji sempliċi u li jiġu pprovduti proċeduri faċli u trasparenti. L-integrazzjoni mill-qrib tat-tassonomiji soċjali u ambjentali għandha tkun l-għan aħħari, iżda bħala l-ewwel pass, is-salvagwardji minimi reċiproċi jistgħu jkunu prattiċi.

Id-domanda dejjem tikber għal investiment b’orjentazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġjata billi tiġi pprovduta tassonomija affidabbli li tagħti aktar viżibbiltà lill-kumpaniji li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà soċjali. Tassonomija soċjali mfasla tajjeb tikkontribwixxi b’mod sinifikanti biex tiġi indirizzata l-problema tal-ħasil soċjali, fejn organizzazzjoni tagħmel dikjarazzjonijiet qarrieqa dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-prodotti jew is-servizzi tagħha. Dan għandu jikkostitwixxi standard tad-deheb, li jirrifletti livell ogħla ta’ ambizzjoni minn dak previst fil-leġiżlazzjoni. B’mod partikolari, jenħteġ lit-tassonomija soċjali tirreferi għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli, bħall-SDG 8 dwar ix-xogħol deċenti. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fit-tfassil tat-tassonomija u għandhom jiġu pprovduti wkoll b’mekkaniżmi tal-ilmenti. Bħal fil-każ tat-tassonomija ekoloġika, id-definizzjoni ta’ x’għandu jiġi inkluż f’tassonomija soċjali se tkun kontroversjali. Iżda din hija eżattament ir-raġuni għaliex il-proċess ta’ definizzjoni għandu jkun soġġett għat-teħid ta’ deċiżjonijiet demokratiku. Is-suċċess tat-tassonomija huwa marbut mal-kredibbiltà tagħha, u l-attivitajiet inklużi jridu jissodisfaw definizzjoni aċċettata b’mod wiesa’ ta’ sostenibbiltà.



IMMAĠINA L-UKRAJNA...

Fil-kolonna “Immaġina l-Ukrajna”, nippublikaw ritratti li juru l-gwerra fl-Ukrajna u l-konsegwenzi tagħha. Spiss ikunu minn ġurnalisti li jressqu tali testimonjanzi, peress li jmorru fejn ma nistgħux immorru aħna, biex jirreġistraw it-traċċi u ma

jħalluhomx jintilfu.

Dan huwa ritratt meħud minn **Olga Chaiko**, ġurnalista Ukrena għall-programm tal-aħbarijiet “Fakty” f’Kiev, bil-kumment tagħha: “Dan ir-ritratt huwa mill-ajruport ta’ Hostomel – dan huwa fejn niżlu r-Russi li wettqu sabotaġġ, bil-paviljun mġarraf fejn jinsab Mriya, l-akbar ajruplan leġġendarju tad-dinja. Inqered mir-Russi, l-istess bħal Ruslan, ajruplan ieħor mill-ikbar”. **Viktor Zelenkov**, kameraman għal Fakty TV, kien hemm biex jieħu r-ritratt bħala tifkira.

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



Mistoqsija lil ...

Fit-taqsimha tagħna “Mistoqsija lil...”, nistaqsu lill-membri tal-KESE biex iwieġbu mistoqsija dwar suġġett jaħraq li huwa fuq quddiem fl-aġenda Ewropea. Fl-edizzjoni ta’ Settembru, tkellimna ma’ **Lutz Ribbe**, membru tal-KESE u President tal-Osservatorju tal-Iżvilupp Sostenibbli, dwar il-kriżi tal-enerġija u l-enerġiji rinnovabbli. KESEInfo jistaqsi: Fid-dawl tal-kriżi tal-enerġija, kif jistgħu l-enerġiji rinnovabbli jilqgħu l-isfidi li jirrappreżentaw ix-xejriet għal ritorn għall-faħam u l-konverżjoni mill-ġdid nukleari jew għal dewmien biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku?



Lutz Ribbe: Il-kriżijiet tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli

Fi Frar 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-“pakkett tal-Unjoni tal-Enerġija” tagħha, “qafas strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b’politika dwar il-bidla fil-klima li tħares ‘il quddiem”. Kien hemm ħafna proposti tajbin; saru diversi wegħdiet, inkluż tnaqqis tad-dipendenza mill-importazzjoni, tiġi estiża b’mod konsistenti l-enerġija rinnovabbli, u li l-Ewropa ssir mexxejja dinjija fl-enerġija rinnovabbli. Għe sostnut ukoll li ċ-ċittadini għandhom jitqiegħdu fil-qalba tal-politika...

Kieku ħdimna b’mod konsistenti biex nimplimentaw dawn il-proposti, kieku illum mhux qed naffaċċjaw din il-kriżi hekk kbira. Madankollu, l-Istati Membri deheru li kienu sodisfatti bil-politiki antiki tagħhom: il-Ġermanja ppermettiet lilha nnifisha li tiġi mgħomija mill-fjuwils fossili rħas ta’ Putin, sa anke ddikjarat li l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli kienet “rapida wisq”. L-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli għiet limitata, u b’riżultat ta’ dan l-industrija tal-enerġija mir-riħ soffriet kollass kbir, b’telf ta’ madwar 40 000 impjeg. Il-Polonja qed tonqos milli tiegħu azzjoni u titbiegħed mill-faħam, u Franza qed tkompli toħlom dwar l-allegati benefiċċji tal-industrija nukleari; ir-realtà madankollu hija iktar imwiegħra, peress li minħabba t-tibdil fil-klima aktar minn nofs ir-reatturi Franċiżi kellhom jitneħħew mill-grilja minħabba problemi tekniċi u nuqqas ta’ ilma għat-tkessiħ. Id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija qatt ma kienet daqshekk kbira daqs kemm kienet fl-2021, u n-nefqa tagħna fir-riċerka u l-iżvilupp għal teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-klima hija fost l-aktar baxxa fid-dinja.

Hemm żewġ għażliet reali sabiex insolvu l-problema tal-enerġija li għandna bħalissa u fl-istess ħin nindirizzaw it-tibdil fil-klima: iffrankar ħafna aktar konsistenti u espansjoni tassew massiva tal-enerġiji rinnovabbli. Hemm potenzjal enormi li nnettqu t-tnejn li huma. Mil-lat pożittiv, ir-riżorsi domestiċi tagħna tar-riħ u tax-xemx jipprovdu elettriku ħafna orħos minn dak li għej mill-impjanti tal-enerġija (attwali) li jaħdmu bil-fjuwils fossili li għandhom ssussidjati ħafna u dawk nukleari.

Għalhekk, jeħtieġ li jinbnew bosta strutturi tal-produzzjoni ġodda u deċentralizzati, kif ukoll jinħolqu partijiet ikkonċernati ġodda li għandhom ikunu s-sinjala tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Dan għaliex it-tranżizzjoni tal-enerġija teħtieġ aċċettazzjoni soċjali, u dan jista’ jinholq biss jekk in-nies jiġu involuti. 90 % tal-impjanti tal-enerġija ekoloġika fil-Ġermanja, pereżempju, huma ta’ ċittadini privati, bdiewa, kooperattivi, SMEs u utilitajiet municipli, u mhux ta’ kumpaniji kbar tal-utilitajiet tal-enerġija. Madankollu, ftit li xejn hemm evidenza ta’ kwalunkwe strateġija biex ġenwinament jiġi appoġġat l-involvement tas-soċjetà ċivili sabiex

jiżdied il-potenzjal tal-produzzjoni u l-użu tal-enerġija deċentralizzata għall-impjegi, u biex tiġi żgurata s-sjieda pubblika tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-parteċipazzjoni fiha billi jiġu promossi l-prosumaturi u l-enerġija ċivika. Se nħallsu prezz qares ta' dan issa u fix-xhur li ġejjin. Sfortunatament, anke l-klima tagħna se tħallas għal dan.

Lutz Ribbe, President tal-Osservatorju tal-Iżvilupp Sostenibbli, membru tal-KESE

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-mistieden sorpriża

Fil-kolonna “Il-mistieden sorpriża” sssib fehmiel u opinjonijiet ta’ persuni li l-attitudnijiet, l-azzjonijiet u l-impenji tagħhom huma mudelli għal oħrajn. F’din il-ħarġa, qed nippubblikaw artiklu miktub minn Olga Vegera u Vasyk Kushmuns - membri tal-NGO Promote Ukraine - dwar l-attivitajiet tagħhom bħala

organizzazzjoni mhux governattiva fi Brussell li taħdem għal Ukrajna ħielsa.

Promote Ukraine hija pjattforma indipendenti tal-midja u tas-soċjetà ċivili li tagħti vuċi lil esperti mill-Ukrajna u mill-UE dwar kwistjonijiet rilevanti għaż-żewġ partijiet. Hija organizzazzjoni indipendenti mil-lat politiku u governattiv ibbażata fi Brussell li għandha l-għan li tawtonomizza lill-Ukreni biex jaqdu rwol bħala ċittadini Ewropej ħielsa. It-tim jaħdem biex isaħħaħ il-viżibbiltà tal-Ukrajna fi ħdan l-UE, u fl-istess ħin jippromovi lill-Ukrajna fi ċrieki politiki, kummerċjali u mhux governattivi fil-pajjiżi Ewropej.

Il-kompitu ewlieni tal-NGO huwa li tiffaċilita r-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Ukrajna. L-għan fit-tul ta’ Promote Ukraine huwa li jiġi stabbilit network intitolat “Ukreni li rnextew - Ukrajna prosperuża” - li jkun magħmul minn persuni li huma lesti li jużaw il-ħiliet u l-ħin tagħhom għall-benefiċċju tal-Ukrajna. Madwar 150 voluntier minn bosta nazzjonalitajiet jaħdmu fl-organizzazzjoni. Il-biċċa l-kbira tagħhom huma mill-Ukrajna, iżda nsibu wkoll Spanjoli, Taljani, Belġjani, Franċiżi, Kanadiżi u Amerikani.

Bil-għan li jibdel is-solidarjetà mal-Ukrajna f’azzjoni konkreta għall-Ukrajna, f’April 2022 il-KESE ngħaqad mal-inizjattiva tal-Parlament Ewropew dwar “ċentru tas-soċjetà ċivili” għall-Ukrajna, u ppermetta lill-Promote Ukraine tuża parti mill-uffiċċji, il-bini u t-tagħmir tiegħu disponibbli fil-proprjetà f’Rue Belliard 68-Rue de Trèves 74 fid-distrett tal-UE fi Brussell, u pprovda wkoll appoġġ amministrattiv u tekniku biex jgħin fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet tas-soċjetà ċivili Ukrena. B’dan il-mod, il-KESE offra lill-Promote Ukraine dar sigura fil-qalba tal-Ewropa. (ehp)



Olga Vegeera u Vasyl Kushmuns: "Promote Ukraine" b'ala vu?i tas-so?jetà ?ivili organizzata fl-Ewropa

Kemm hija Ewropea l-Ukrajna? Għalfejn s'fat attakkata? Għandha b'zonn riforma? Kif u fejn tara l-futur tagħha? - dawn kienu l-mistoqsijiet li l-NGO tagħna "Promote Ukraine" twaqqfet biex tindirizzahom lura fl-2014.

Illum, dawn il-mistoqsijiet huma rilevanti daqs qatt qabel, għalkemm it-tweġiba hija ħafna aktar ċara. Flimkien mal-kollegi tas-soċjetà ċivili, it-tim tagħna ta' aktar minn 150 persuni voluntieri jaħdem bla serġan, kemm biex jamplifika l-messaġġ dwar l-Ukrajna - li għaddejja minn tbatija mill-iktar ħarxa fi triqtha lejn l-Ewropa - kif ukoll biex juri kif l-UE u l-Istati Membri tagħna jinsabu magħqudin mal-Ukrajna. Għalhekk, aħna naraw lilna nfusna b'ħala ċentru ta' promozzjoni tas-soċjetà ċivili u tal-midja, li jaġixxi b'ħala pont li jqarreb lill-UE u lill-Ukrajna lejn xulxin.

Biex nilħqu dan l-għan, il-ħidma tagħna hija maqsuma f'10 gruppi ta' ħidma. Il-progress u r-riżultati huma kkomunikati fuq is-sit web, fir-rivista u fil-podcast tagħna. Biex insaħħu s-sħubijiet tagħna, aħna noperaw helpdesk internazzjonali bla ħlas għall-organizzazzjonijiet, in-negozji u l-gruppi ta' inizjattiva li qed joffru jew ifittxu għajjnuna fl-Ukrajna. t-tim tagħna fi Brussell huwa mifrux fi tliet postijiet: l-ispazju ta' ħidma offrut għad-disponibbiltà tagħna mill-President tal-KESE u l-bini ta' Station Europe offrut mill-President tal-PE, li bejniethom iservu b'ħala tip ta' ċentru għas-soċjetà ċivili Ukrena, u b'ħala ċentru kulturali.

Matul dawn is-sitt xhur ta' gwerra, aħna:

- kellha aktar minn 50 laqg'a ma' rappre?entanti ta' diversi pajji?i Ewropej u Asjati?i, istituzzjonijiet Ewropej u n-NATO, li fihom irrakkomandajna l-g?eluq tal-ispazju tal-ajru Ukren, sanzjonijiet kontra r-Russja, l-g?oti ta' armi lill-Ukrajna, l-g?oti ta' status ta' kandidat tal-UE lill-Ukrajna, l-i?blokk tal-portijiet tal-Ba?ar l-Iswed sabiex l-o??etti tal-ikel ikunu jistg?u ji?u esportati, e??.
- organizzajna aktar minn 55 dimostrazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, in-NATO u r-rappre?entanzi tar-Russja u ?erti Stati Membri tal-UE, li l-akbar minnhom attendew g?alihom 8 000 persuna, kif ukoll bojkotts ta' kull ?img?a ta' Lukoil
- bg?atna g?ajnuna umanitarja b'valur ta' aktar minn EUR 170 000 fuq talba minn unitajiet militari, inklu?i ambulanzi, karozzi g?all-evakwazzjoni tal-midrubin, tag?mir protettiv personali, apparat ta' komunikazzjoni u kits individwali g?all-ewwel g?ajnuna
- mexxejna l-operat ta' ?ew? im?a?en fi Brussell li jipprovdu ikel, prodotti tal-i?jene u ?wejje? lil persuni spostati temporanjament mill-Ukrajna, u servejna aktar minn 1 000 persuna kull ?img?a
- offerejna assistenza lir-refu?jati, fil-forma ta' appo?? psikolo?iku u amministrattiv, fieri tal-impjeggi, distribuzzjoni ta' kompjuters u roti, terapija ta?-?fin, klassijiet ta' pittura, e??.
- ?barna fondi g?all-Forzi Armati Ukreni permezz tal-kampanja #UkraineNeedsYou

Aħna fi "Promote Ukraine" napprezzaw u niddependu mill-appoġġ bla heda tal-UE, u nippjanaw li nkomplu navvanzaw mhux biss lejn ir-rebħa tal-Ukrajna, iżda wkoll lejn is-sħubija tagħha fl-UE.

Filwaqt li nħaddnu l-valuri tagħna, aħna nkomplu "Nippromovu, Nikkollegaw u Nikkondividu". Ingħaqad magħna!

Membri tal-NGO "Promote Ukraine":

Marta Barandiy, president fundatriċi ta' Promote Ukraine
Maryna Yaroshevych, l-Ukrajna
Olga Vegeera, l-Ukrajna

Liza Bezvershenko, I-Ukrajna
Lyuba Karpachova, I-Ukrajna
Vasyl Kushmuns, I-Ukrajna
Oksana Terletska, I-Ukrajna
José Aynat, Spanja
Yuliia Chervona, I-Ukrajna
Iryna Nohai, I-Ukrajna
Pieter Goossens, il-Belġju
Kateryna Polyakova, I-Ukrajna
Oksana Bulda, I-Ukrajna
Olena Kuzhym, I-Ukrajna
Bohdan Yeromenko, I-Ukrajna
Olga Gusarova, I-Ukrajna
Anna Melenchuk, I-Ukrajna
Andrea Castagna, I-Italja
Natalia Maksymenko, I-Ukrajna
Lesya Magas, I-Ukrajna
Ivanna Malchevska, I-Ukrajna
Artem Shostak, I-Ukrajna
Filip Haugland, I-Iżvezja

Is-siti web tagħna:

<https://www.promoteukraine.org/>

<https://www.ukrainianhub.eu/>

A?BARIJET TAL-KESE



Is-so?jetà ?ivili organizzata tal-Ewropa mhux se tiffinunzja g?all-Ukrajna

Fid-19 ta' Lulju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) organizza konferenza ta' livell għoli fi Kraków dwar l-għajnuna u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, li fiha wiegħed l-appoġġ sħiħ tiegħu

fuq il-fronti kollha għall-pajjiż mifni bil-gwerra.

Bl-għeja fil-gwerer u s-solidarjetà li qed titfaċċa hekk kif l-Ewropa qed timxi id f'id għall-aktar xitwa ħarxa f'għexieren ta' snin, is-soċjetà ċivili Ewropea tibqa' impenjata li tgħin lill-Ukrajna fit-triq tagħha lejn l-irkupru u li "tibni mill-ġdid aħjar", f'konformità mal-valuri ewlenin tal-Ewropa.

Fil-Konferenza tiegħu, il-KESE enfasizza li ser ikompli jippromovi s-solidarjetà kontinwa tal-UE mal-Ukrajna. Huwa wiegħed li jaħdem mill-qrib mas-soċjetà ċivili tal-Ukrajna, l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet biex jassisti lill-pajjiż permezz tal-proċess ta' adeżjoni twil u impenjattiv, bl-għan aħħari li xi darba jsir membru sħiħ tal-UE.

Il-Konferenza nfetħet mill-President tal-KESE **Christa Schweng** u l-Viċi Sindku ta' Krakovja, **Andrzej Kulig**.

Is-Sinjura Schweng faħħret l- "appoġġ konkret għall-Ukrajna" muri mill-bidu tal-gwerra mis-soċjetà ċivili madwar l-Istati Membri, u fuq kollox fil-Polonja. Il-KESE għażel li jorganizza l-konferenza fi Kraków "biex jagħti ġieħ lil din is-solidarjetà qawwija, kif ukoll biex jesprimi l-qrubija tagħna ma' dawk li qed jaħdmu kuljum fuq il-post."

Il-Konferenza laqqgħet flimkien uffiċjali ta' livell għoli tal-UE, tal-Polonja u tal-Ukrajna, flimkien ma' rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, kemm mill-UE kif ukoll mill-Ukrajna.

L-għan kien li jiġu diskussi l-isforzi li saru s'issa mil-livell lokali biex jgħinu direttament lil dawk fil-bżonn fuq il-post, inklużi r-refuġjati, il-persuni spostati internament u dawk li għadhom ma telqux, minkejja l-attakk brutali tar-Russja fuq pajjiżhom.

Il-Konferenza ħarset ukoll lejn modi kif tgħin direttament lill-ekonomija Ukrena tlaħħaq mal-effetti devastanti tal-gwerra, fost projezzjonijiet omoġenji tal-PDG tagħha li qed jonqsu b'madwar 45 % fl-2022. Dan jitlob li ma jkun hemm xejn inqas minn Pjan Marshall ġdid biex il-pajjiż jerġa' jinbena mill-bidu, b'mod ekoloġiku u sostenibbli li jkun ukoll konformi mad-drittijiet tax-xogħol u soċjali Ewropej.

Il-kelliema fil-panel introdutturju ta' livell għoli wissew kontra l-għeja tal-gwerra u kontra t-telf tal-momentum biex tingħata għajnuna lill-Ukrajna. Huma enfasizzaw ir-rwol kruċjali tal-appoġġ tal-UE u tal-Istati Membri biex l-Ukrajna tibqa' fuq l-aġenda Ewropea.

Vitaly PORTNIKOV, ġurnalist Ukren, kummentatur politiku u awtur tal-opinjoni, enfasizza l-ħtieġa li jkun hemm ġurnaliżmu oġġettiv u indipendenti fl-Ukrajna: "Dan huwa importanti daqs il-gvern u l-forzi armati tal-Ukraina. Biex ikollna dan, neħtieġu l-appoġġ tal-UE u l-programmi internazzjonali. Mingħajr il-libertà tal-kelma u informazzjoni ta' kwalità għolja, mingħajr riżorsi, se jkollna sitwazzjoni riskjuża."

Il-Konferenza kienet tinkludi tliet panels, li ddiskutew diversi aspetti tal-għajnuna għall-Ukrajna. L-ewwel dibattitu ta' ħarsa ġenerali lejn il-ħidma li saret s'issa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipprovdu appoġġ immedjat lir-refuġjati mal-wasla tagħhom u jgħinu fl-integrazzjoni tagħhom.

It-tieni panel iffoka fuq il-persuni spostati u r-rwol tas-soċjetà ċivili tal-Ukrajna fl-iżgurar li pajjiżhom ikompli jiffunzjona quddiem il-kriżi. Il-panel finali esplora kif is-soċjetà ċivili tal-UE tista' tgħin u tappoġġa l-irkupru tal-Ukrajna f'konformità mal-valuri u n-normi tal-UE, bħall-istat tad-dritt, id-demokrazija u t-trasparenza, b'mod partikolari mill-perspettiva ta' stat kandidat tal-UE.

Aktar informazzjoni dwar il-konferenza hija disponibbli fuq [il-paġna web iddedikata](#) tagħna. (II)



[Il-Premijiet tal-UE għas-Settur Organiku 2022: nafu min huma l-finalisti tal-KESE!](#)

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa kburi jħabbar il-finalisti, skont il-kategorija, tal-ewwel [Premijiet tal-UE għas-Settur Organiku](#), koorganizzati mal-Kummissjoni Ewropea u msieħba oħra biex tiġi ppremjata l-eċċellenza fil-katina ta' valur organika Ewropea. Ir-rebbieħa ta' kull kategorija se jitħabbru fit-23 ta' Settembru, il-Jum Organiku tal-UE, f'ċerimonja speċjali mal-Kummissarju tal-UE għall-Agricoltura, Janusz Wojciechowski.

Inizjattivi ta' ispirazzjoni fil-livell lokali juru li t-tranżizzjoni organika diġà qed isseħħ fl-Ewropa. L-ewwel pass tal-proċess ta' evalwazzjoni issa ntemm, u wara valutazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjonijiet kollha, il-finalisti fit-tliet kategoriji li ġejjin huma:

- Għall-ażjar SME organika li tipprova prodotti tal-ikel:

[Gino Girolomoni Cooperativa Agricola](#) – Isola del Piano, Provinċja ta' Pesaro u Urbino, l-Italja

[Goodvenience.bio GmbH](#) – Magdala, Thuringia, il-Ġermanja

[Labonca Biohof GmbH](#) – Burgau, Styria, l-Awstrija

- Għall-ażjar bejjiegħ tal-ikel bl-imnut organiku:

[Ecoveritas SA](#) – Barċellona, Spanja

[La ferme à l'arbre de Liège](#) – Lantin, Liège, il-Belġju

[BIO MERCATO, seiVital GmbH](#) – Kempten, Bavarja, il-Ġermanja

- Għall-ażjar restorant organiku:

[Trattino](#) – Lyon, Franza

[Lilla Bjers HB](#) – Visby, il-Gżira ta' Gotland, l-Iżvezja

[Luftburg – Kolarik im Prater](#) – Vjenna, l-Awstrija

Aktar informazzjoni dwar il-kandidati, il-kriterji tal-għażla u l-premijiet b'mod ġenerali jinstabu fis-[sit web tal-Premijiet tal-UE għas-Settur Organiku](#) u fis-[sit web tal-KESE](#).



Il-Prezidenza Ċeka tal-UE se tirrie?amina, tibni mill-?did u ssa??a? lill-Ewropa

“L-Ewropa bħala missjoni”. Dan huwa l-motto uffiċjali tal-Prezidenza Ċeka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea [bl-Ingliż: “Europe as a Task: Rethink, Rebuild, Repower”], li bdiet fl-1 ta’ Lulju 2022 b’enfasi fuq il-ġestjoni tal-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna, ittnaqqs tad-dipendenza enerġetika tal-Ewropa u t-tisħiħ tal-awtonomija strateġika futura tagħha.

Waqt li kien qed jindirizza lill-President tal-KESE **Christa Schweng** u lill-membri l-oħra tal-KESE fid-dibattitu tas-sessjoni plenarja tat-13 ta’ Lulju 2022, il-Ministru Ċek għall-Affarijiet Barranin, **Jan Lipavský**, ippreżenta l-prijoritajiet tal-Prezidenza tal-UE ta’ pajjiżu.

“Il-kuntest ekonomiku u ġeopolitiku delikat ħoloq xi ċaqliq fil-prijoritajiet, u l-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq l-Ewropa ser jiggwidaw lill-Prezidenza Ċeka tul il-mandat tagħha,” huwa qal. “Ninsabu fi żmien meta hemm gwerra li tinsab għaddejja eżatt barra l-fruntieri tal-Unjoni Ewropea, u l-kompitu ewlieni tagħna fil-perjodu li ġej ser ikun li nsibu kunsens magħqud u b’saħħtu dwar miżuri li ser itaffu kemm jista’ jkun l-impatt negattiv tal-iżviluppi fuq iċ-ċittadini tagħna.”

Imnebbaħ mill-viżjoni tal-istatista Ċek Václav Havel f’diskors li għamel 26 sena ilu, il-motto jipprovdi messaġġ qawwi biex jiġbor fil-qosor il-ħames pilastru tal-Prezidenza Ċeka tal-UE:

1. il-?estjoni tal-kri?i tar-refu?jati u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna wara l-gwerra;
2. i?-?ieda tas-sigurtà tal-ener?ija tal-UE;
3. i?-?ieda tal-kapa?itajiet ta’ difi?a Ewropej u tas-sigurtà ?ibernatika;
4. it-tis?i? tar-re?iljenza strate?ika tal-ekonomija Ewropea;
5. il-protezzjoni tal-istituzzjonijiet demokrati?i tal-UE u l-valuri tag?ħa.

Is-Sinjura Schweng osservat li l-prijoritajiet tal-Prezidenza Ċeka tal-UE huma wkoll il-prijoritajiet tal-KESE u tal-Ewropa kollha kemm hi, u żiedet tgħid li: “Ir-Repubblika Ċeka qed tieħu f’idejha l-presidenza b’rotazzjoni tal-Kunsill fi żmien meta l-Unjoni Ewropea għadha qed titħabat biex tirkupra mill-konsegwenzi tal-pandemija, u fl-istess ħin qed tiffaċċja l-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna. Ser nagħmlu l-almu tagħna biex niżguraw li l-Kumitat tagħna jagħti kontribut qawwi għall-attivitajiet tal-Prezidenza Ċeka.” (mp)



Il-Prezidenti tal-KESE u tal-KtR jiddiskutu l-isfidi komuni g?all-futur tal-Ewropa

Fis-sessjoni plenarja ta’ Lulju tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), il-President, Christa Schweng, u l-President li għadu kif ġie elett tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR), Vasco Alves Cordeiro, iddiskutew il-prospetti l-ġodda għal azzjoni

konġunta u kooperazzjoni bejn iż-żewġ kumitati.

Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, fetħet id-dibattitu u rrimarkat li ż-żewġ Kumitati dejjem iddefendew il-proġett Ewropew u taw kontribut siewi għalih. “F’dan iż-żmien kritiku, meta l-Ewropa qed tiffaċċja tħassib ta’ kull tip, huwa aktar importanti minn qatt qabel li ningħaqdu flimkien u nqarrbu l-Ewropa lejn iċ-ċittadini tagħha”, hija qalet.

Is-**Sur Cordeiro** qabel mal-importanza politika tal-ħidma konġunta tal-KESE u tal-KtR, speċjalment f’dawn iż-żminijiet diffiċli għall-UE. “Mill-bini tal-irkupru wara l-pandemija għat-tiħiħ tad-demokrazija Ewropea, mill-iffaċċjar tal-gwerra kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tagħha għad-difiża tal-politika ta’ koeżjoni: iż-żewġ Kumitati tagħna għandhom interess u responsabbiltà komuni biex jitkellmu b’vuċi ċara u jmexxu ‘l quddiem lill-Unjoni Ewropea”, huwa qal.

Ewropa aktar b’saħħitha u aktar ġusta għal kulħadd u Politika ta’ Koeżjoni aktar b’saħħitha fil-futur huma ż-żewġ objettivi ewlenin tal-President li għadu kif ġie elett tal-KtR, objettivi li l-KESE jħaddan u jappoġġja. Ewropa aktar b’saħħitha mill-perspettiva demokratika hija Unjoni b’valuri u prinċipji fundamentali b’saħħithom, b’ħal-libertà, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, u Ewropa aktar ġusta li tiġġieled għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għal soċjetà inklużiva. It-tieni prijorità, il-Politika ta’ Koeżjoni, għandha rwol ewleni fit-tiħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea. Is-Sur Cordeiro ddikjara li l-KtR se jiddefendi bis-sħiħ il-politika ta’ koeżjoni fid-dawl tal-battalja futura għall-baġit tal-UE ta’ wara l-2027.

Is-**Sinjura Schweng** enfasizzat l-importanza tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tal-UE, li “hija kwistjoni li dwarha għandna naħdmu flimkien aktar mill-qrib”, u li fis-segwitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa nistgħu nwettqu din il-kooperazzjoni mill-qrib fil-prattika. “Il-Konferenza tirrappreżenta opportunità kbira iżda wkoll responsabbiltà enormi lejn iċ-ċittadini”, qalet is-**Sinjura Schweng**. “Jeħtieġ li nkunu ċari fir-rigward tat-tiħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini”, żid jgħid is-**Sur Cordeiro**.

Matul id-dibattitu li segwa, il-President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, **Séamus Boland**, qal: “Fi ħdan il-KESE aħna nikkondividu għan komuni mal-kollegi tagħna tal-Kumitat tar-Regġuni, li huwa li niżguraw li n-nies li nirrappreżentaw ikollhom aċċess għas-servizzi pubbliċi li huma jeħtieġu. Permezz ta’ ħidma flimkien, aħna nistgħu nkunu vuċi b’saħħitha biex inleħħnu l-ħtiġijiet tan-nies li ħafna drabi jitħallew jibqgħu lura minħabba l-faqar jew l-esklużjoni”.

Il-President tal-Grupp ta’ Min lħaddem tal-KESE, **Stefano Mallia**, enfasizza r-rwol tal-politika ta’ koeżjoni biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-prosperità, u l-ħtieġa li jinħoloq ambjent ekonomiku li fih in-negozji innovattivi ta’ kull daqs jistgħu jirnexxu. Skont is-Sur Mallia, Ewropa aktar b’saħħitha tfigħer ekonomiji b’saħħithom, Suq Uniku reżiljenti u kundizzjonijiet aħjar biex niffaċċjaw sfidi ġodda.

Il-President tal-Grupp tal-Ħaddiema, **Oliver Röpke** laqa’ l-impenn b’saħħtu tal-President il-ġdid tal-KtR għal Ewropa aktar b’saħħitha u aktar ġusta u għal demokrazija b’saħħitha. Huwa enfasizza wkoll ir-rwol komplementari taż-żewġ Kumitati. Huwa rrimarka li l-kooperazzjoni mal-KtR dwar l-implimentazzjoni tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u qal li ż-żewġ Kumitati għandhom jirsistu għal parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

Il-Presidenti taż-żewġ Kumitati enfasizzaw l-impenn tagħhom biex jaħdmu flimkien għal Ewropa aktar ġusta u aktar b’saħħitha u li jsemmgħu l-vuċi ta’ dawk li jaħdmu fuq il-post. (ab)



Wasal i? - ?mien li l-Balkani tal-Punent jinvestu fi? - ?g?a?ag? tag?hom

Sabiex jiġi żgurat ġejjieni aktar prosperuż għaċ-ċittadini tagħhom, il-gvernijiet tal-Balkani tal-Punent iridu jindirizzaw il-problemi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġħ, li huma l-muftieħ ta' dan il-futur. Allokkazzjonijiet baġitarji suffiċjenti u trasparenti għall-iżvilupp ta' politika taż-żgħażaġħ u l-inklużjoni taż-żgħażaġħ fil-proċess ta' adeżjoni fl-UE huma prerekwiżiti għall-faċilitar ta' bidliet pożittivi u t-titjib tas-sitwazzjoni taż-żgħażaġħ fir-reġjun.

Ionuț Sibian, membru tal-KESE u relatur għall-[Opinjoni "Il-politika dwar iż-żgħażaġħ fil-Balkani tal-Punent"](#), bħala parti mill-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Balkani tal-Punent, enfasizza r-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE: "L-istituzzjonijiet tal-UE jridu jappoġġjaw aktar lill-Balkani tal-Punent biex itejbu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ. Il-Garanzija taż-Żgħażaġħ fil-Balkani tal-Punent għandha tiġi implimentata fi sħubija bejn il-provvedituri tal-Garanzija taż-Żgħażaġħ u l-partijiet interessati rilevanti".

Andrej Zorko, membru tal-KESE u korelatur, qed isejjaħ lis-sitt imsieħba mill-Balkani tal-Punent biex jallinjaw ruħhom ma' dokumenti prinċipali tal-politika taż-żgħażaġħ tal-UE u biex jinvestu aktar f'politiki taż-żgħażaġħ imsejsa fuq l-evidenza sabiex jindirizzaw l-isfidi tal-iżvilupp taż-żgħażaġħ.

Inbidlu r-reġjun f'post fejn jeżistu prospetti għall-ġejjieni

Il-livell għoli ta' migrazzjoni taż-żgħażaġħ mill-Balkani tal-Punent, li ilha problema, joriġina b'mod partikolari mill-fatt li ż-żgħażaġħ m'għandhomx aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità tajba, u l-opportunitajiet għal karriera huma limitati.

Is-sistemi edukattivi u l-kurrikuli attwali għandhom bżonn kbir li jiġu riformati. Il-kapaċitajiet intraprenditorjali taż-żgħażaġħ għandhom jiġu inkoraġġuti u promossi, filwaqt li l-infrastruttura soċjali tar-reġjun teħtieġ li tissaħħaħ iktar.

L-Aġenda ta' Innovazzjoni tal-UE għall-Balkani tal-Punent tinkludi ż-żgħażaġħ u konsegwentement, tinkoraġġixxi lill-gvernijiet tal-Balkani tal-Punent biex jibnu l-qafas tal-politika taż-żgħażaġħ tagħhom u jipproċedu bir-riformi neċessarji biex ibiddlu ż-żona f'reġjun bi prospetti futuri għaż-żgħażaġħ. (at)



Il-vjolenza kontra n-nisa trid ti?i rikonoxxuta b?ala reat tal-UE

Matul il-plenarja tiegħu ta' Lulju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) iddiskuta l-abbozz ta' direttiva tal-Kummissjoni li jindirizza l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma' Cristina Fabre mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza

bejn il-Ġeneri.

Fl-aħħar snin, l-Unjoni Ewropea żiedet l-isforzi tagħha biex tippromovi u tintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa. Minkejja dawn l-isforzi, il-vjolenza kontra n-nisa tibqa' l-iktar ksur komuni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa, b'terz tan-nisa kollha jkunu vittmi tal-vjolenza.

Hija u tiftaħ id-dibattitu, il-President tal-KESE **Christa Schweng** iddikjarat li "bħala leħen is-soċjetà ċivili, il-KESE huwa impenjat għal soċjetà iktar ugwali mil-lat tal-ġeneru u li tinkiseb Unjoni ħielsa mill-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet".

Cristina Fabre, mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, semmiet l-impatt ekonomiku tal-inugwaljanzi: "Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri ttejjeb l-ekonomija tagħna. Il-PDG per capita għandu l-potenzjal li jiżdied minn 6,9 % għal 9,6 % jekk niżguraw drittijiet ugwali għan-nisa u l-bniet".

José Antonio Moreno Diaz, relatur tal-Opinjoni dwar il-proposta reċenti għal [Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika](#), iddiskuta kif l-UE tista' tiġġieled din l-epidemija ta' vjolenza kontra n-nisa: "Il-vjolenza kontra n-nisa hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u għalhekk nappellaw biex din tiġi inkluża fil-lista ta' reati tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE". Il-Kumitat jargumenta li l-problemi soċjali ma jissolvewx biss permezz tas-sistema ġudizzjarja u li l-kastig m'għandux ikun l-uniku mezz ta' azzjoni. "Irridu niżguraw l-aċċess tal-vittmi għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, inklużi s-servizzi relatati mas-saħħa sesswali u dik riproduttiva", spjegat il-korelatur **Ody Neisingh**. "Is-sistema trid tinbidel, mhux in-nisa."

Fuq talba tal-Presidenza Ċeka, waqt is-sessjoni plenarja ġiet adottata wkoll [opinjoni separata dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri](#). Ir-relatur tal-KESE, **Milena Angelova**, iddikjarat li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tirrikjedi rikonoxximent, sjieda u impenn kostanti mill-partijiet interessati kollha fis-soċjetà. "Irridu nibnu kultura ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri tul il-ħajja kollha, li tinkludi l-istadji u l-oqsma kollha tal-ħajja", qalet is-Sinjura Angelova. (gb)



Id-dimensjoni soċjali trid ti?i inklu?a f'regoli ? odda dwar prodotti sostenibbli

Fil-plenarja tiegħu ta' Lulju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) stieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ l-

aspetti soċjali tal-proposti ewlenin biex tallinja r-regoli tal-UE dwar prodotti sostenibbli, l-ekodisinn u tessuti sostenibbli.

Il-KESE adotta Opinjonijiet dwar il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni dwar prodotti sostenibbli [Nagħmlu l-prodotti sostenibbli bħala n-norma](#), [l-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn](#) u [dwar strateġija għal tessuti sostenibbli](#).

Il-proposti huma parti minn [pjan ġdid tal-ekonomija ċirkolari tal-UE](#) u ser iżidu l-isforzi biex l-Ewropea tkun inqas dipendenti mil-lat ta' riżorsi quddiem il-kriżijiet attwali, li jinkludu l-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra Russa kontra l-Ukrajna u t-tibdil fil-klima.

Fl-[Opinjoni](#) dwar il-pjan direzzjonali għal prodotti sostenibbli u r-regolazzjoni tal-ekodisinn, il-KESE jemmen li l-istrateġija tal-ekonomija ċirkolari tal-UE se tirnexxi biss jekk il-produtturi, il-konsumaturi u l-ħaddiema, kif ukoll l-awtoritajiet, ikunu involuti u infurmati kif xieraq.

L-implimentazzjoni b'suċċess tagħha se tirrikjedi regoli ċari, li jagħmlu sens u konsistenti. Dawn huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li prodotti sostenibbli jkunu kompetittivi u sabiex tkun iżjed inklużiva t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.

Ambitu usa' għal regolazzjoni ġdida tal-ekodisinn

Għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, huma meħtieġa rekwiżiti ġodda dwar id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riċiklaġġ, l-impatt ambjentali u l-emissjonijiet tas-CO2 tal-prodotti, kif ukoll regoli mtejba dwar l-informazzjoni pprovduta fuq passaporti u tikketti diġitali tal-prodotti.

Madankollu, ir-regolament propost jinjora d-dimensjoni soċjali. Referenza għall-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva ma titqiesx suffiċjenti.

Hija meħtieġa enfasi akbar fuq id-drittijiet tal-ħaddiema u fuq it-tħaddim tat-tfal

F'[Opinjoni](#) separata dwar tessuti sostenibbli, il-KESE enfasizza li hija meħtieġa enfasi akbar fuq l-aspetti soċjali tas-settur tat-tessuti, notevolment id-drittijiet tal-ħaddiema u n-negozjar kollettiv. Il-KESE jappella għal miżuri stretti li jipprojbixxu relazzjonijiet ekonomiċi ma' negozji li jużaw it-tħaddim tat-tfal jew li jonqsu milli jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

Barra minn hekk, il-KESE jissuġġerixxi li n-nies għandhom jixtru u jilbsu ħwejjeġ b'sens ta' responsabbiltà. Konformi ma' din is-sejħa, huma meħtieġa investimenti u programmi sabiex jitjieb l-korpi ta' spezzjoni u l-kapaċità operattiva tal-imsieħba soċjali għall-monitoraġġ tal-ftehimiet globali u d-drittijiet tal-ħaddiema.

Fl-aħħar nett, sabiex jiġi żgurat ekwilibriju bejn in-negozji u oħrajn fil-ktajjen tal-provvista tas-settur tat-tessuti, il-KESE jirrakkomanda t-tnedija ta' prattiki tajba globali għas-sostenibbiltà. (ks)



[Pjan direzzjonali tal-UE dwar is-sigurtà u d-difi?a: il-KESE jistieden lill-Istati Membri ja?ixxu b'unità u ?ertezza](#)

F'Opinjoni ġdida, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja bis-sħiħ l-oġettivi tal-[Pjan direzzjonali Ewropew dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża](#), li huwa

partikolarment f'waqtu fid-dawl tal-gwerra fl-Ukrajna.

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Lulju, il-KESE adotta [Opinjoni](#) dwar il-Pjan direzzjonali Ewropew dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża. Filwaqt li, b'mod ġenerali, jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni bħala inizjattiva tajba, li kapaċi taġixxi u tirrispondi għal diversi kriżijiet u sfidi ġeopolitiċi, il-KESE madankollu enfasizza li l-Kummissjoni għandha tinvesti aktar f'sinerġiji orizzontali u vertikali bejn l-Istati Membri.

L-ewwel u qabel kollox, il-KESE jemmen li approċċ komprensiv li jkopri l-linja li tiddividi l-qasam ċivili minn dak militari u jgħaqqad il-livelli tal-UE u dawk nazzjonali għandu jiġi adottat malajr kemm jista' jkun. L-invażjoni tal-Ukrajna hija twissija, li turina li jeħtieġ naġixxu ferm aktar malajr mis-soltu.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-aspetti tekniċi, l-Opinjoni tissuġġerixxi li s-sejbiet tal-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi għandhom jiġu inkorporati fil-pjani direzzjonali. It-tranżizzjoni bejn il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tat-teknoloġija u dak industrijali tista' tiġi ġestita b'suċċess biss jekk ikunu ċari s-sjeda ta' inizjattiva u r-responsabbiltajiet.

Fl-istess waqt, il-KESE jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu jiżguraw li r-reazzjonijiet immedjati tagħhom fir-rigward tal-aggressjoni Russa fil-konfront tal-Ukrajna huma konformi mal-kontenut u l-oġettivi tal-pjan direzzjonali, li huwa sforz fit-tul. L-investimenti nazzjonali għad-difiża fuq medda qasira ta' żmien iridu jiġu kkoordinati fil-livell Ewropew biex jiġu evitati aktar frammentazzjoni u duplikazzjoni.

Il-KESE jipproponi wkoll li jiġi stabbilit punt uniku ta' servizz online għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għan-negozji l-ġodda, "Rokna għall-SMEs tal-UE" online, fejn in-negozji jkunu jistgħu jdaħħlu data definita minn qabel u min-naħa tagħhom jirċievu informazzjoni mfassla apposta dwar liema programm(i) Ewropew jistgħu jappoġġjawhom bl-aħjar mod. (ks)



[Il-Kunsill tal-Kummer? u t-Teknolo?ija bejn l-UE u l-Istati Uniti je?tie?lu ja?taf il-momentum biex ikun minn ta' quddiem fil-kummer?, it-teknolo?ija u l-innovazzjoni](#)

Fil-plenarja tiegħu ta' Lulju, il-KESE sostna li l-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija l-ġdid jista' jsir għodda innovattiva kemm għall-UE kif ukoll għall-Istati Uniti biex jaħdmu flimkien lejn dinja aktar sikura u aktar għanja, ibbażata fuq il-prinċipji tal-

iżvilupp sostenibbli u l-valuri demokratiċi. Il-Kunsill huwa mfassal biex ikun proċess parteċipattiv u, għaldaqstant, jeħtieġ li juri trasparenza u jinvolvi ruħu bis-siħ mas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati.


Fl-Opinjoni fuq inizjattiva tiegħu dwar [Il-Kunsill il-ġdid tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-azzjoni: prijoritajiet għan-negozju, il-ħaddiema u l-konsumaturi u s-salvagwardji meħtieġa](#), il-KESE jenfasizza l-prijoritajiet tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija.

Christa Schweng, President tal-KESE qalet “Il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija huwa forma ġdida ta’ kooperazzjoni. L-oġettiv ewlieni tiegħu jrid ikun li jesplora kif il-kummerċ u t-teknoloġija jistgħu jaħdmu aħjar għas-soċjetajiet tagħna. Is-soċjetà ċivili organizzata fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku jeħtieġ li jkollha rwol importanti fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija”.

Timo Vuori, membru tal-KESE u relatur tal-Opinjoni, iddikjara li “Il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti jeħtieġu jipprovdi, fuq terminu qasir u twil, soluzzjonijiet biex jittejjeb l-ambjent kummerċjali bilaterali u internazzjonali. Inkella, il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija jista’ jitlef il-momentum tiegħu”.

L-UE u l-Istati Uniti għad għandhom l-aktar relazzjoni ekonomika bilaterali integrata fid-dinja, li hija ekwivalenti għal nofs il-PDG dinji u terz tal-flussi kummerċjali globali.

L-ekonomist u l-kittieb Fredrik Erixon, li kien mistieden biex jitkellem fil-plenarja, spjega li din l-inizjattiva hija opportunità ġdida għaż-żewġ imsieħba sabiex ikollhom influwenza fuq l-ekonomija tad-dinja, billi jkunu magħquda u jfittxu sħubijiet ma’ pajjiżi tal-istess fehma li jikkondividu l-valuri ekonomiċi u politiċi bażiċi tagħhom.



[Suq intern aktar b'sa?tu permezz ta' tassazzjoni di?itali uniformi](#)

F'Opinjoni esploratorja, il-KESE jinsisti fuq l-importanza ta' leġiżlazzjoni Ewropea kkoordinata li tistabbilixxi rati tat-taxxa għall-kumpaniji tas-servizzi diġitali. Dan se jiżgura ambjent tan-negozju li jiffavorixxi t-tkabbir u jkun ta' benefiċċju għas-suq

intern, filwaqt li jevita l-lakuni li jinħolqu minn inizjattivi nazzjonali separati. L-Opinjoni tal-Kumitat, li tfasslet fuq talba tal-Presidenza Ċeka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tiddikjara li kwalunkwe regola ġdida għandha tevita t-tassazzjoni doppja, u għandha timminimizza l-ispejjeż ta' konformità għan-negozji.

Għalkemm l-UE jista' jkollha rwol ewlieni fid-definizzjoni ta' regoli dwar it-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali, hija għandha tirrispetta l-ftehim internazzjonali li ntlaħaq mill-OECD/G20. Dwar dan il-ftehim, ir-relatur **Benjamin Rizzo** stqarr li: “kemm il-Pilastru 1 u l-Pilastru 2 tal-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti jridu jiġu implimentati fl-UE malli dan ikun fattibbli. Dan se jgħin biex jinkiseb livell għoli ta' konsistenza mal-ftehim internazzjonali li se jiġi nnegozjat mill-OECD/G20”. Il-

korelatur **Petru Dandea** żied jgħid li: “Il-KESE jenfasizza li liġijiet internazzjonali tat-taxxa mfasstin tajjeb dwar in-negozji diġitali huma strumentali biex jipprevjenu prattiki tal-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, kif ukoll fit-tfassil ta’ sistema ta’ tassazzjoni ġusta, stabbli u progressiva”. (tk)



Ir-regoli tat-tassazzjoni dwar it-telexogħol transfruntier iridu jiġu aġornati u ssemplifikati

Kif għandhom jiġu ntaxxati l-pagi u l-profitti tal-kumpaniji b’mod li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-ambjent tax-xogħol tal-lum? F’Opinjoni adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu ta’ Lulju, il-KESE jindirizza din l-isfida, u fl-istess ħin jilqa’ u jħeġġeġ iż-żieda fit-telexogħol. Sett ta’ regoli aġġornati u li faċli li jiġu segwiti għandu jiżgura li l-impjegati u l-impjegaturi fl-Ewropa ma jiffaċċjawx tassazzjoni multipla jew in-nontassazzjoni mhux intenzjonata għaliex ikunu qed jaħdmu minn pajjiż ieħor.

“Ninsabu f’dinja ġdida, u n-nies iridu jaħdmu b’mod differenti. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ xogħol aktar flessibbli u sitwazzjonijiet ta’ telexogħol transfruntier,” qal ir-relatur **Krister Andersson**. “Iżda din il-paradigma ġdida toħloq ukoll sfidi serji għas-sistemi ta’ tassazzjoni internazzjonali u għal suq uniku Ewropew effiċjenti”. Fost miżuri oħra, il-KESE jipproponi li jinħoloq punt uniku ta’ servizz, bħal fil-każ tal-VAT, fil-livell Ewropew. L-impjegatur ikollu jirrapporta l-għadd ta’ jiem ta’ li t-teleħaddiema jkunu ħadmu fil-pajjiż ta’ residenza tagħhom u fil-pajjiż fejn jinsab l-impjegatur. B’din l-informazzjoni, l-awtoritajiet tat-taxxa jkunu jistgħu jivvalutaw f’liema pajjiż ikun taxxabli d-dħul, jew liema parti mid-dħul ikun taxxabli f’kull pajjiż. **Is-Sur Andersson** jirrimarka li “Din is-sistema tippermetti lill-impjegati u lill-impjegaturi biex inaqqsu t-tilwim dwar it-taxxa bejn l-Istati Membri u fl-istess ħin tiżgura li t-taxxi jiġu imposti b’mod korrett mingħajr ma jkun meħtieġ li l-individwu jissottometti formoli f’aktar minn pajjiż wieħed”. (tk)



It-tranżizzjoni diġitali trid tkun iusta: id-drittijiet tal-bniedem u l-kontroll mill-bniedem iridu jibqgħu u elementi ientrali

Ħafna Ewropej għadhom mhux diġitalment litterati u l-biċċa kbira tal-amministrazzjonijiet nazzjonali għadhom ma implimentawx soluzzjonijiet diġitali. Jekk l-aċċess tan-nies għal xi servizzi ta’ interess ġenerali jkun kundizzjonali fuq li wieħed ikollu identità diġitali, dan jista’ jirriżulta f’sitwazzjoni fejn kulħadd jitlef: għadd sinifikanti ta’ Ewropej jistgħu jaraw id-dritt tagħhom li jaċċessaw dawn is-servizzi mċaħħad.

L-Opinjoni tal-KESE adottata fis-sessjoni plenarja ta’ Lulju u abbozzata minn **Dumitru Fornea** jwissi dwar dan. Għodod ta’ governanza ġodda introdotti mir-rivoluzzjoni diġitali u industrijali m’għandhomx ikunu

oppressivi u jagħmlu l-ħajja tan-nies dipendenti fuq sħubija f'sistemi ta' teknoloġija diġitali li huma kkontrollati b'mod mhux demokratiku.

“Il-vantaġġi ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija diġitali huma ovvjji,” qal is-Sur **Fornea**. “Madankollu, l-implimentazzjoni rapida tagħhom, speċjalment għal servizzi ta' interess ġenerali bħall-identità diġitali, tista' twassal għall-esklużjoni ta' għadd sinifikanti ta' Ewropej. Irridu nassiguraw li l-bnedmin jibqgħu fuq it-tmun, b'kontroll demokratiku u bl-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.”

Skont il-KESE, soluzzjonijiet ta' teknoloġija diġitali, bħall-identità diġitali, mezzi ta' pagament diġitali u l-inkorporazzjoni fi pjattaformi ta' realtà virtwali u awmentata għandhom jibqgħu għodod komplementari u m'għandhomx jieħdu post kompletament u b'mod mhux ġust prattiki oħrajn li ġew żviluppati u perfezzjonati mill-bniedem tul eluf ta' snin.

Il-KESE kien l-ewwel istituzzjoni Ewropea li sejthet għal approċċ “human-in-command” meta jiġu ttrattati sistemi tal-IA u jtenni li huwa ta' importanza vitali għall-bniedem li jkollu l-aħħar kelma dwar u jkun f'kontroll totali tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' żviluppi fil-makkinarju. (mp)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



[Diliġenza Dovuta għas-Sostenibbiltà Korporattiva: Mostru burokratiku jew g'odda sinifikanti?](#)

minn Antje Gerstein, Membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

Fit-23 ta' Frar, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-proposta tagħha għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta għas-Sostenibbiltà Korporattiva, li tistabbilixxi l-qafas obbligatorju għall-kumpaniji biex jidentifikaw u jaġixxu fir-rigward ta' impatti negattivi ambjentali u dawk marbuta mad-drittijiet tal-bniedem fl-organizzazzjonijiet tagħhom stess - u tul il-katina tal-valura kollha tagħhom.

Sfortunatament, il-proposta kif inhi bħalissa ma twassalx għall-għanijiet mixtieqa. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni stess kien irrimarka dwar nuqqasijiet serji fil-valutazzjoni tal-impatt, pereżempju d-deskrizzjoni tal-problema hija vaga u r-rapport irid ikun allinjat aħjar ma' inizjattivi oħrajn.

Il-koleġiżlaturi għandhom jimmiraw li jitbiegħdu minn dispożizzjonijiet li jimponu biss obbligi u minflok għandhom jagħżlu approċċ orjentat iktar lejn il-proċess abbażi tal-impenn u l-bini tal-fiduċja. Dan ifisser li n-negozji għandhom ikunu mistennija jfasslu l-proċessi ta' diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom b'mod li jkun ibbażat fuq ir-riskju u proporzjonat għall-impatti potenzjali u reali tagħhom.

Billi l-kumpaniji jeħtiegħa ċertezza legali u jridu jimminimizzaw ir-riskji ta' responsabbiltà, jista' jkun li jħossuhom sfurzati biex iqassru l-ktajjen tal-provvista u jtilqu minn reġjuni fejn potenzjalment hemm sitwazzjonijiet problematiċi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet serji, billi l-kummerċ globali jintlaqat b'mod negattiv u ħafna ħaddiema f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u emerġenti ser jtilfu l-impjeg tagħhom.

L-Opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju u l-Opinjoni tal-KESE dwar [“Governanza korporattiva sostenibbli” \(INT/973\)](#), it-tnejn jenfasizzaw l-ħtiegħa għal koerenza regolatorja u ta' politika. Il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNGP) u l-Linji Gwida tal-OECD huma l-punti ta' riferiment li jstabbilixxu b'mod ċar id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-atturi kollha u jridu nżommu magħhom.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE jridu jagħżlu: iridu joħolqu approċċ kostruttiv, ibbażat fuq is-sħubija, validu għall-futur, orjentat lejn ir-riżultati u fid-dinja reali għal ktajjen tal-provvista globali sostenibbli? Iridu jiżguraw li l-inizjattivi paralleli relatati mal-prodott ikunu allinjati aħjar? Jekk iva, mela għad hemm ħafna li jrid isir. Nistgħu niżguraw lill-koleġiżlaturi li l-impjegaturi huma impenjati li jagħmlu l-parti tagħhom biex jiżguraw eżitu ta' suċċess. Din id-Direttiva tittratta l-ħidma ewlenija tal-membri tagħna. Għandna għażla waħda biss, li jirnexxielna.

Aqra t-test sħiħ fil-Bullettin tal-Grupp ta' Min lħaddem: <https://europa.eu/!vYX7Wq>



Ix-xitwa, il-gass u t-tis?in

Mill-Grupp tal-Ħaddiema

Wara ħafna snin ta' negliġenza u ottimiżmu inġustifikat dwar kwistjonijiet relatati mal-enerġija, l-Ewropa issa tinsab f'sitwazzjoni diffiċli. Iggravata mill-għeluq ta' faċilitajiet nukleari li fil-biċċa l-kbira ġew sostitwiti bil-gass jew bil-faħam (li wassal għal għexieren oħra ta' eluf ta' mwiet qabel iż-żmien kull sena), minn dipendenza fuq il-gass naturali bħala alternattiva faċli u rħisa (u dan l-aħħar, ukoll ekoloġika), u minn suq tal-enerġija mfassal ħażin għall-kriżijiet jew biex jipprovdi sehem għoli ta' sorsi rinnovabbli, il-kesħa din ix-xitwa tidher partikolarment li se tkun theddida.

Dawn il-fatturi, imħarxa mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna, waslu għal żieda fenomenali fil-prezzijiet tat-trasport u l-enerġija. Flimkien ma-żidiet fil-prezzijiet għal ħafna prodotti bażiċi tal-ikel minħabba disturbi fil-katina alimentari globali, l-inflazzjoni laħqet livelli li ilhom ma jiġru għexieren ta' snin. Iż-żieda qawwija fil-prezzijiet taffettwa, l-ewwel u qabel kollox, lill-aktar popolazzjonijiet vulnerabbli li diġà ma kellhom l-ebda marġni biex jiffaċċjaw żieda fl-ispejjeż tal-enerġija, tat-trasport u tal-ikel. Biex ma nsemmgħux il-karestija u l-ġuħ li possibbilment se tbatu minnhom il-bqija tad-dinja fejn l-infiq żejjed mhuwiex possibbiltà.

Hekk kif il-kumpaniji tagħna qed ibatu biex ikomplu minħabba żieda esaġerata fl-ispejjeż, u ċ-ċittadini u l-ħaddiema tagħna qas jafu jekk humiex se jkunu jistgħu jixgħelu t-tisħin din ix-xitwa, nilqgħu b'serħan l-inizjattiva dwar REPowerEU u dik dwar ir-riforma tas-suq tal-enerġija. It-tranżizzjoni ekoloġika u dik ġusta saru mhux biss neċessità klimatika iżda wkoll waħda soċjali u ġeopolitika. Mingħajr azzjoni deċiżiva biex nitbiegħdu mill-fjuwils fossili, hemm ir-riskju li s-sistemi politiċi tagħna jikkollassaw ħafna qabel ma nkunu nistgħu nilħqu kwalunkwe mira klimatika. (prp)



[Il-voluntieri: atturi essenzjali fis-soċjetajiet Ewropej](#)

Mill-Grupp tal-KESE tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

L-attivitajiet ta' volontarjat informali u formali mwettqa matul il-pandemija tal-COVID-19 u l-assistenza mogħtija lir-refuġjati Ukreni għal darb' oħra wrew il-kontribut essenzjali u olistiku li l-volontarjat joffri lis-soċjetà. Il-volontarjat għandu rwol ċentrali fil-bini tal-kapital soċjali, l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni. Huwa wkoll sors importanti ta' awtożvilupp u l-aktar eżempju ċar ta' impenn ċiviku u ċittadinanza attiva.

Fil-konferenza dwar [Voluntiera - Iċ-ċittadini jibnu l-ġejjieni tal-Ewropa](#), li saret fis-7 ta' Lulju 2022 fi Gdańsk, il-Polonja, il-parteciċipanti għalhekk appellaw, fost affarijiet oħra, għal:

- **żieda fis-sensibilizzazzjoni soċjali dwar il-kontribut tal-volontarjat għas-soċjetajiet Ewropej, pereżempju permezz tad-disponibbiltà u l-kondiviżjoni ta' mudelli u data affidabbli li jkejlu l-kontribut ekonomiku tal-volontarjat, kif ukoll il-kontribut tiegħu lil hinn mill-PDG;**
- **l-introduzzjoni ta' oqfsa ta' politika u/jew regolatorji abilitanti u oqfsa legali, li għandhom jiġu deċiżi fuq bażi speċifika għall-pajjiż u f'konsultazzjoni diretta mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;**
- **l-għoti ta' finanzjament strutturat u sostenibbli u livelli sikuri u adatti ta' appoġġ u infrastruttura għall-volontarjat;**
- **il-volontarjat għandu jitpoġġa lura fuq l-aġenda politika Ewropea, pereżempju billi jiġi żvilupp u appoġġat b'mod attiv programm ta' volontarjat aktar komprensiv madwar l-Ewropa kollha, għandu jinħoloq sit web tal-volontarjat fl-UE kollha, u l-2025 għandha tiġi ddeżinjata bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat.**

Il-konferenza ġiet organizzata mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, flimkien ma' diversi msieħba Ewropej u lokali. Din laqqgħet flimkien voluntieri, riċerkaturi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nazzjonali u Ewropej u awtoritajiet pubbliċi, biex jiddiskutu u jaqsmu l-esperjenza tagħhom dwar ix-xejriet tal-volontarjat fl-UE, l-appoġġ tal-awtoritajiet pubbliċi għall-organizzazzjonijiet u l-voluntieri, u forom ġodda ta' volontarjat.

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Agata Berdys (ab)
Daniela Marangoni (dm)
Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Margarida Reis (mr)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)
Joris Vanderlinden (jv)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet o'rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b'ala s-sors u tintbagħat link lill-editur.